# Il-Każini – Skola tad-Demokrazija



**John Buttigieg**
*Sindku*

Sur President,

Nirringrazzjak li għal darb'oħra l-Għaqda Mużikali Imperial għoġobha tistedinni biex inwassal dan il-messaġġ fil-ktejjeb fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina.

L-ewwel nett irrid nifraħ lill-Kumitat u l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial għall-impenn u t-tħabrik tagħhom, mhux biss fil-jiem tal-festa, imma tul is-sena kollha.

Huwa ta' sodisfazzjon kbir għal kull Mellieħi u għal kull minn għandu għal qalbu l-kultura u l-mużika, jara daqshekk impenn b'risq it-tagħlim tal-mużika u t-tkattir tal-kultura fil-Mellieħa, bħalma rajna matul is-sena permezz tal-programmi mużikali u attivitajiet li jtellgħu t-tliet soċjetajiet tagħna. M'hemmx dubju li permezz tal-ħidma tagħhom is-soċjetajiet Melleħin, il-membri tal-komunità Melleħija apprezzaw aktar l-importanza tal-kultura, l-arti u l-mużika bħala mod li bihom ittejjeb il-kwalità tal-ħajja.

Bl-impenn tagħhom l-għaqdiet mużikali jgħinu sabiex l-istorja u t-tradizzjonijiet ta' pajjiżna jkunu l-qofol tal-wirt storiku tagħna bħala nazzjon. B'hekk il-komunità lokali tifhem aħjar ir-rabta li teżisti bejn dak li jseħħ fuq livell lokali u dak nazzjonali.

Biss, is-soċjetajiet tagħna permezz tal-każini tagħhom, qegħdin jagħtu ħafna aktar kontribut lis-soċjetà tagħna – il-każini għal ħafna minna huma t-tieni dar tagħna. Fil-każin tkabbar il-familja tiegħek fis-solidarjetà, fil-ħajja soċjali, fit-tisbiħ tal-ambjent, fl-imħabba lejn ir-raħal, fil-valuri ċivili u reliġjużi.

Fis-solidarjetà – għax tkun taqsam il-ferħ u n-niket tiegħek ma' oħrajn u oħrajn miegħek, tkun ħolqa f'katina li torbot ir-raħal;

Fil-ħajja soċjali – għax bit-talenti ta' kull wieħed tferrxu s-sbuħija tal-arti li l-bniedem għandu bżonn biex jegħleb ir-rutina tal-ħajja li tifga kull kreattività.

Tkabbar l-arti tal-mużika li toħroġ mill-moħħ u mill-qalb f'ċirkustanzi ta' kuljum u oħrajn mhux tas-soltu. Toħroġ barra minn xtutna u tqarreb il-ħbiberija bejn pajjiż u ieħor, bejn poplu u ieħor.

Fit-tkabbir u t-tisbiħ tal-ambjent – għax ir-raħal bis-saħħa t'hekk u bit-trawwim tajjeb fost is-soċi tal-każin ma jibqax magħluq bejn erba' ħitan imma jinfetaħ għall-arja safja tan-natura u jitpaxxew bl-indafa ta' kull xorta. Jitkellmu mill-ewwel biex ifaħħru għal dak kollu li jħalli l-Mellieħa fl-istat naturali tagħha.

Fl-imħabba lejn ir-raħal – inkunu nafu sewwa l-ġrajjiet u l-istorja ta' dan ir-raħal – ngħallmuha liż-żgħar tagħna. Biha f'idejna nressqu nies barranin lejn ir-raħal biex ikunu jafu x'joffri u x'jagħmlu differenti minn ħaddieħor. B'wirjiet u attivitajiet oħra nfakkru lil missirijietna u nkomplu fuq il-passi tagħhom.

Ngħinu u ninkoraġġixxu kemm nistgħu lill-anzjani tagħna li jistkennu fil-każini tagħna, ngħinu liż-żgħażagħ tagħna li għada pitgħada se jkunu huma li jmexxu lis-soċjetà 'l quddiem.

Il-każini tagħna huma wkoll skola ta' demokrazija. Joffru l-ħin kollu l-mument tajjeb skont l-istatut biex tinbidel it-tmexxija li ma tħalli lil ħadd jagħmel il-każin tiegħu qisu wirtu bi dritt. Jagħti opportunità ta' għażla ta' nies li tassew għandhom il-ħeġġa, il-ħila, biex iġibu l-każin 'il quddiem, jikkontrollaw it-tberbiq ta' flus u l-ħela aktar milli hemm bżonn. Dawn huma l-istqarrijiet ta' missjoni li jagħtu lis-soċjetà l-identità tagħha, li jżommu lis-soċjetà waħda attiva u ħajja.

Persważ li l-Għaqda Mużikali Imperial, permezz tal-ħidma tagħha u permezz tal-attivitajiet tagħha tul is-snin qegħda twettaq dawn l-istqarrijiet ta' missjoni mhux biss għall-benefiċċju tal-istess membri tagħha, imma wkoll għall-benefiċċju tal-komunità Mellieħija inġenerali.

Filwaqt li ngħidilkom grazzi ta' dan il-kontribut lejn il-komunità, nawgura lil kull wieħed u waħda minnkom festa mill-isbaħ, festa ta' għaqda u mħabba, festa li tkun tixraq lil Sidtna Marija.